**QORTI CIVILI**
**(SEZZJONI TAL-FAMILJA))**

**IMHALLEF**

**Onor. Abigail Lofaro LL.D., Dip. Stud. Rel., Mag. Jur. (Eur. Law)**

Illum 10 ta' Dicembru, 2015

Rikors numru : 405/2015 AL

AB

Vs

CD

Il-Qorti:

Rat ir-rikors li gie guramentat mir-rikorrenti, li permezz tieghu ippremetta :

Illi l-partijiet ikkontrattaw iz-zwieg taghhom fid-19 ta' Marzu tas-sena 2005 u minn dan iz-zwieg ma twieldu l-ebda tfal.

Illi l-partijiet ilhom separati *de facto* ghal aktar minn erba' snin u cioe` minn Ottubru tas-sena 2009 minkejja li sseparaw bonarjament fit-18 ta' Dicembru tas-sena 2014 kif jirrizulta minn kuntratt ta' separazzjoni bonarja in atti tan-Nutar Dottor Jean Carl Debono hawn anness u markat Dok . A.

Illi ma hemm l-ebda prospett ragjonevoli ghal rikonciljazzjoni bejniethom stante illi ilhom aktar minn erba' snin mifrudin minn ma' xulxin, illum ghandhom hajja totlament separata minn ma' xulxin.

Illi dawn il-fatti fuq imsemmija jissodisfaw il-kundizzjonijiet kollha mehtiega ghall-ksib tad-divorzju skont l-Artikolu 66B tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

Talab in vista tas-suespost li l-intimata tghid ghaliex din il-Qorti m'ghandhiex :

1. Tippronunzja l-hall taz-zwieg bejn il-partijiet;
2. Tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex, fi zmien imholli ghal daqshekk mill-istess Qorti, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bil-hall taz-zwieg tal-partijiet sabiex dan a jigi registrat fir-Registru Pubbliku;

Rat ir-risposta guramentata tal-intimata, li permezz taghha ikkonfermat :

Illi hija ma topponix ghat-talba li jigi mahlul iz-zwieg ta' bejn il-kontendenti;

Illi l-esponenti tirrileva li z-zwieg taghhom kien tkisser irrimedjabbilment qabel ma huma sseparaw legalment u ilhom aktar minn 4 snin separati de facto;

Illi l-partijiet illum huma separati legalment minn xulxin permezz ta' kuntratt ta' separazzjoni personali in atti Nutar Dr Jean Carl Debono datat 18 ta' Dicembru 2014;

Illi l-esponenti tirrileva wkol li m'hemm ebda prospett ragjonevoli ghal rikonciljazzjoni bejniethom stante li mhux biss ilhom snin twal mifrudin, izda sahansitra llum huma ghandhom hajja totalment separata minn xulxin;

Illi ai termini tal-kuntratt ta' separazzjoni sudett ebda manteniment m'hu dovut u l-partijiet ma kellhomx tfal;

Ghaldaqstant hemm qbil li l-kundizzjonijiet kollha mahsuba fl-Artikolu 66B tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta huma sodisfatti u hemm lok li jinhall iz-zwieg;

Bl-ispejjez kontra r-rikorrenti bhala l-parti li intavolat il-proceduri;

Rat id-dokumenti kollha illi gew esebiti;

Rat id-digriet taghha tat-8 ta' Ottubru, 2015;

Rat l-Artikolu 66 B tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

Rat l-atti kollha;

Ikkunsidrat :

Illi l-Qorti rat li r-rikorrenti irnexxielu jissodisfa ir-rekwiziti kollha mehtiega mill-Ligi sabiex zwieg jigi mahlul u dana peress illi ipprova illi l-partijiet ilhom legalment separati mit-18 ta' Dicembru 2014 u de facto separati ghal aktar minn erba' snin u cioe' minn Ottubru tas-sena 2009;

Illi ir-rikorrenti ipprova illi ma hemm l-ebda prospett ragonevoli ta' rikonciljazzjoni bejn il-partijiet u illi ma hemm l-ebda pendenzi fir-rigward ta' hlas ta' manteniment;

Ghaldaqstant, u ghar-ragunijiet fuq imsemmija, il-Qorti qeghda tilqa' t-talbiet, tippronunzja il-hall taz-zwieg bejn il-partijiet u tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex, fi zmien xahar millum, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku;

Il-Qorti tordna illi l-ispejjez jibqghu bla taxxa bejn il-partijiet.